**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 2 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 822/01 AE**

**Quality Meat Products Limited**

**Vs**

**R.A.B. Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm121.80) bilanc fuq il-valur ta' prodotti tal-laham mibjugha u konsenjati mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, liema hlas baqa' ma sarx minkejja diversi nterpellazzjonijiet.

Ra n-nota li giet prezentata fis-seduta tal-lum mill-avukat Dr. Ramona Frendo u li permezz taghha rriduciet it-talba tas-socjeta attrici ghas-somma

ta’ sittin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm60.80), peress li sar hlas akkont fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Semgha bil-gurament lill-avukat Dr. Ramona Frendo in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma li l-ammont ta’ Lm60.80 ghadu dovut.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata naqset milli tidher u tikkontesta t-talba tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, it-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sittin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm60.80) bilanc fuq il-valur ta’ prodotti tal-laham mibjugha u konsenjati lis-socjeta konvenuta. Bl-imghax mid-data ta’ l-ahhar konsenja u bl-ispejjez (ghat-tenur ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra s-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**